MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2356/2000/1

**Maria Dolores Whitelaw bhala kuratrici *ad litem* ghan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Dale Bonnici, Eliciano Bonnici, Olanda Bonnici, u Orian Bonnici.**

**vs.**

**(1) Theresa Whitelaw gja Bonnici.**
**(2) Peter Paul Bonnici.**
**(3) Lawrence Theuma.**
**(4) Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Ottubru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-18 ta’ Lulju 1991 il-konvenuta, Theresa Whitelaw gja’ Bonnici tat wild ghal tarbija bl-isem Dale.

Illi c-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija tarbija – Att Numru 3556/1991 (vide Dok. “A”) - isem il-missier tat-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut, Peter Paul Bonnici.

Illi fit-30 ta’ Novembru 1994 l-konvenuta, Theresa Whitelaw gja’ Bonnici tat wild ghal tarbija bl-isem Eliciano.

Illi c-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija tarbija – Att Numru 5402/1994 (vide Dok. “B”) - isem il-missier tat-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut, Peter Paul Bonnici.

Illi fit-23 ta’ Jannar 1997 il-konvenuta, Theresa Whitelaw gja’ Bonnici tat wild ghal tarbija bl-isem Olanda.

Illi c-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija tarbija – Att Numru 428/1997 (vide Dok. “C”) - isem il-missier tat-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut, Peter Paul Bonnici.

Illi fl-14 ta’ Dicembru 1999 il-konvenuta Theresa Whitelaw gja’ Bonnici tat wild ghal tarbija bl-isem Orian.

Illi c-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija tarbija – Att Numru 4316/1999 (vide Dok. “D”) - isem il-missier tat-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut, Peter Paul Bonnici.

Illi l-konvenut, Peter Paul Bonnici m’huwiex il-missier naturali tal-minuri Dale Bonnici, Eliciano Bonnici, Olanda Bonnici u Orian Bonnici.

Illi *invece* l-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri Dale Bonnici, Eliciano Bonnici, Olanda Bonnici u Orian Bonnici huwa l-konvenut l-iehor, Lawrence Theuma.

Illi l-konvenuta, Theresa Whitelaw gja’ Bonnici u l-konvenut Peter Paul Bonnici kienu zzewgu fit-2 ta’ Awissu 1983.

Illi l-konvenuta, Theresa Whitelaw nee’ Bonnici u l-konvenut Peter Paul Bonnici kienu kkuntrattaw

separazzjoni legali *'a mensa et thoro'* permezz ta' kuntratt pubbliku datat 25 ta' Marzu 1999 u iskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha (*vide* Dok. "E").

Illi effetivament minn dejjem kien fatt rikonoxxut illi missier naturali tal-minuri Dale, Eliciano, Olanda u Orian ahwa Bonnici huwa l-konvenut, Lawrence Theuma u mhux il-konvenut l-iehor, Peter Paul Bonnici u *di fatti* minn dejjem kien l-istess konvenut, Lawrence Theuma u mhux il-konvenut l-iehor Peter Paul Bonnici illi agixxa bhala missier fil-konfront ta' l-istess minuri u ha sehem u assista fit-trobbija taghhom.

Illi ghalhekk l-istess attrici fil-kwalita' taghha premessa talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tiddikjara illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri, Dale Bonnici – Att Numru 3556/1991 (vide Dok. "A"), tal-minuri Eliciano Bonnici – Att Numru 5402/1994 (vide Dok. "B"), tal-minuri, Olanda Bonnici – Att Numru 428/1997 (vide Dok. "C") u tal-minuri Orian Bonnici – Att Numru 4316/1999 (vide Dok. "D"), isem tal-missier ta' l-imsemmija minuri gie erronjament indikat bhala dak ta' Peter Paul Bonnici mentri in realta' l-missier naturali ta' l-imsemmija minuri, Dale, Eliciano, Olanda u Orian ahwa Bonnici huwa l-konvenut l-iehor, Lawrence Theuma.

(2) Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tac-certifikati tat-twelid tal-minuri, Dale Bonnici – Att Numru 3556/1991 (vide Dok. "A"), tal-minuri, Eliciano Bonnici – Att Numru 5402/1994 (vide Dok. "B"), tal-minuri, Olanda Bonnici – Att Numru 428/1997 (vide Dok. "C") u tal-minuri, Orian Bonnici – Att Numru 4316/1999 (vide Dok. "D"), billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier jigu kancellati l-kliem "Peter Paul Bonnici" u jigu sostitwiti bil-kliem "Lawrence Theuma" u sabiex isiru l-korrezzjonijiet l-ohra kollha sussegwenti, ncidentali u ancillari ghall-imsemmija korrezzjonijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol. 16 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 9 ta' Novembru 2000 u d-digriet tal-Qorti datat 24 ta' Jannar 2001 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta' Frar 2001 a fol. 26 tal-process fejn eccepixxa li:-

(1) Illi fil-mertu f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni.

(2) Illi bla pregudizzju ghas-suepost, ghas-succes ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti konjugi, Peter Paul Bonnici u Theresa Whitelaw gja Bonnici fil-perjodu tal-probabli koncepiment tal-erba' ulied li dwarhom qed issir il-kawza odjerna.

(3) Illi wkoll bla pregudizzju, il-minuri Dale, Eliciano, Olanda u Orian, ahwa Bonnici ghandhom ikunu rapprezentanti f'din il-kawza permezz ta' kuraturi ndipendenti.

(4) Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, ghandhom jigu specifikati d-dettalji personali ta' Lawrence Theuma, li l-attrici qed titlob li jigu inseriti fl-att tat-twelid tal-minuri msemmija, *oltre* l-fatt li Lawrence Theuma ghandu jigi indikat bhala missier illegittimu, kif ukoll ghandhom jigu kkancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm.

(5) Illi *in vista* tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghat-talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez.

(5) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut u l-lista’ ta’ xhieda a fol. 27 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Bonnici datata 16 ta’ Frar 2001 fejn eccepixxa li:-

(1) Illi *nonostante* l-fatt li l-esponent u l-konvenuta Theresa Whitelaw gja’ Bonnici isseparaw legalment “*a mensa et thoro”* permezz ta’ kuntratt pubblikat datat 25 ta’ Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha, effettivament kienu ilhom separati *de facto* sa mis-Sajf ta’ l-1990.

(2) Illi l-konvenuta, Theresa Whitelaw gia’ Bonnici hbiet lill-esponent kemm il-fatt li hija kienet tqila diversi drabi minn relazzjoni adultera’ waqt li kienet separata *de facto* minn ma’ l-esponenti u *inoltre* t-twelid ta’ l-erbat itrabi Dale, Eliciano, Olanda u Orian u Ii ghaldaqstant l-esponent ma ghandux htija tas-sitwazzjoni u ma ghandux jinstab responsabbli ghall-ispejjez.

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut u l-lista ta’ xhieda a fol. 29 u 30 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April 2001 fejn deher il-konvenut Lawrence Theuma, li kien kontumaci, u l-konvenuta, Theresa Whitelaw, li tat ruhha notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza u l-Qorti kif diversament presjeduta nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi sabiex tisma’ l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Ottubru 2001, tas-6 ta’ Novembru 2001, tat-23 ta’ Jannar 2002, u tat-12 ta’ April 2002 kollha quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi tat-8 ta’ Ottubru 2001 fejn xehdu Emilia Theresa Whitelaw u Lawrence Theuma; tat-8 ta’ Novembru 2001 fejn xehdet Jacqueline Ellul, omm l-konvenuta u Roderick Aquilina; ta’ l-24 ta’ Jannar 2002

fejn xehed il-konvenut Peter Paul Bonnici, l-konvenuta, u Paul Theuma hu l-konvenut, Lawrence Theuma; u tat-8 ta' Jannar 2002 fejn ma sar xejn;

Rat il-verbal tas-seduti ta' l-10 ta' Ottubru 2002, ta' l-20 ta' Frar 2003, tad-9 ta' April 2003 fejn il-provi tal-partijiet gew ddikjarati maghluqa, u tat-22 ta' Mejju 2003 fejn peress li l-Assistent Gudizzjarju ma rritornatx il-process ma seta` jsir xejn u saret komunika lill-Registratur tal-Qrati; tas-17 ta' Gunju 2003; u ta' l-14 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Roma D'Alessandro irtirat it-tielet eccezzjoni u fejn Dr. Christopher Cilia obbliga ruhhu li jesebixxi nota tad-dettalji ta' Lawrence Theuma u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attrici ghan-nom tal-minuri qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri kollha indikati fic-citazzjoni attrici cjoe' Dale, Eliciano, Olanda u Orian jigu ddikjarati li ma humiex it-tfal naturali tal-konvenut Peter Paul Bonnici u li, konsegwentement tordna li fic-certifikat tat-Twelid rispettiv ta' l-istess minuri u atturi fil-kawza odjerna li jgibu n-numri ta' registrazzjoni kif indikati fl-istess atti attrici u d-dokumenti hemm esebiti jsiru it-tibdiliet mehtiega sabiex il-konvenut, Lawrence Theuma, jigi ndikat bhala l-missier ta' l-istess minuri kollha minflok il-konvenut, Peter Paul Bonnici.

Illi jidher car li l-atturi qed jipprevalixxu ruhhom mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-*

*impossibbilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-atturi bhala minuri u wild qed jippretendu li dak li kien ir-ragel tal-konvenuta ommhom Theresa Whitelaw, cjoe` Peter Paul Bonnici, ma huwiex il-missier ta' l-istess minuri, l-istess minuri stess ghandhom interess li jaghmlu din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

***"(1)*** *Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

***(2)*** *Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' l-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat ta' l-istess minuri huwa konformi ma' l-istess diskrezzjoni wkoll fil-hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi, hekk ghandu jigi rikoxxut.

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (F.G.C.) 10 ta' Mejju 1996 inghad li:-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment ta' l-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan…………..." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolablita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il-marito come il-padre dei concepiti da sua moglie durante il-matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l-incarnazione della formula solenne ' pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e'*

*tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il-matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76**).**

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi ma' l-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:-

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittenta mill-attrici hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe`:-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* abbazi ta' l-artikolu **70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta' l-artikolu **84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtieh l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat*

*konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultalax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibbilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali ta' l-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legitimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minna".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi min dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lil diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legitimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi ta' l-artikolu **77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess ta' l-istess stat li jaqbel ma tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok abbazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi il-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollolah*;

*(c) illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali minn nies;*

*(d) illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta' l-artikolu **82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, ………li il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-

**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti il-minuri, jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81**………jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa …..u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi ma' l-att ta' twelid, <u>hadd</u> ma jista' jattaka dan l-istat a bazi ta' l-artikolu **77** anke jekk tigi ippruvata l-impossibbilta' fizika indikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provvedimenti* ta' l-artikolu ***82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,*** *jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid <u>jew</u> ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz……il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermat fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP) u "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 (Cit Nru. 190/97/RCP).

Illi applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz *de quo,* jirrizulta mill-provi prodotti, quddiem din il-Qorti, li l-istess minuri kollha fil-fatt huma ulied l-konvenut Lawrence Theuma, *stante* li dawn twieldu kollha wara li l-istess konvenuta kienet isseparat *de facto* minn mal-konvenut, Peter Paul Bonnici u fil-fatt jirrizulta li dawn ilhom jghixu separatamernt minn xulxin mis-sajf tas-sena 1990 u l-ewwel tarbija li twieldet wara dakinhar lill-konvenuta, kien proprju Dale li twieled fit-18 ta' Lulju 1981. Dan kollu huwa kkonfermat minn diversi xhieda prodotti, u fil-fatt, il-konvenuti kollha involuti f'dan il-kaz (bl-eskussjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku,) kollha jammettu li l-istess ulied huma frott ir-relazzjoni tal-konvenuta ma' l-istess Lawrence Theuma, u li fil-fatt l-istess konvenut Peter Paul Bonnici qatt ma kellu kuntatt maghhom u qatt ma pprovda ghal xejn.

Illi meta dan kollu irid jizdied mad-dikjarazzjoni ta' l-omm *ai termini* ta' l-artikolu **70 (2) tal-Kap 16,** fejn hija stess iddikjarat u xehdet li l-istess minuri ma humiex it-trabi ta' zewgha, liema dikjarazzjoni ghalkemm wahedha mhux bizzejjed, xorta ghandha l-piz taghha, u meta maghquda mal-fatti fuq esposti jwasslu ghall-konvinciment car, palez u l-unika wiehed li jista' jitqies bhala possibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, u cjoe' li l-konvenut Peter Paul Bonnici ma huwiex l-missier naturali u effettiv ta' l-istess minuri atturi, u fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-istess minuri dejjem gew meqjusa, inkluz mill-partijiet kollha nvoluti f'din il-kawza (hlief ovvjament id-Direttur tar-Registru Pubbliku) li ma huwiex il-wild ta' l-istess konvenut Peter Paul Bonnici, u fil-fatt l-istess minuri qatt ma gawda minn stat ta' ulied legittimi skond kif imfisser fid-dispozizzjonijiet tal-ligi, b'dan ghalhekk li l-kondizzjonijiet kollha legali gew sodisfatti sabiex it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur tar-Registru Pubbliku nkwantu l-istess huma b'xi mod inkomptabbli ma' dak hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenuta, Theresa Whitelaw gja Bonnici u tal-konvenut, Lawrence Theuma, li fil-verita' fix-xhiedha taghhom ammettew it-talbiet attrici, u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, Peter Paul Bonnici nkwantu l-istess in verita' jaqblu mat-talbiet attrici, **tilqa' l-istess talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri, Dale Bonnici – Att Numru 3556/1991 (vide Dok. "A"), tal-minuri Eliciano Bonnici – Att Numru 5402/1994 (vide Dok. "B"), tal-minuri Olanda Bonnici – Att Numru 428/1997 (*vide* Dok. "C") u tal-minuri Orian Bonnici – Att Numru 4316/1999 (vide Dok. "D"), isem tal-missier ta' l-imsemmija minuri gie erronjament indikat bhala dak ta' Peter Paul Bonnici mentri in realta' l-missier naturali ta' l-imsemmija minuri Dale, Eliciano, Olanda u Orian ahwa Bonnici huwa l-konvenut l-iehor, Lawrence Theuma.

(4) Konsegwentement, tordna l-korrezzjoni tac-certifikati tat-twelid tal-minuri Dale Bonnici – Att Numru 3556/1991 (vide Dok. "A"), tal-minuri Eliciano Bonnici – Att Numru 5402/1994 (vide Dok. "B"), tal-minuri Olanda Bonnici – Att Numru 428/1997 (vide Diok. "C") u tal-minuri Orian Bonnici – Att Numru 4316/1999 (vide Dok. "D"), billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier jigu kancellati l-kliem "Peter Paul Bonnici" u jigu sostitwiti bil-kliem "Lawrence Theuma" u sabiex isiru l-korrezzjonijiet l-ohra kollha sussegwenti, ncidentali u ancillari ghall-imsemmija korrezzjonijiet fejn kull riferenza ghal Peter Paul Bonnici bhala missier l-istess minuri atturi kollha tigi kkancellata, inkluz id-dettalji kollha tieghu u minflok l-istess Lawrence Theuma, jigi ndikat bhala il-missier naturali ta' l-istess minuri, b'dan li l-isem u d-dettalji kollha tieghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi li jindikaw l-isem tal-missier tal-minuri u l-konnottati kollha tieghu li huma: Lawrence Theuma, Karta tal-Identita' Numru 667658 (M), bla okkupazzjoni, bin Joseph u Concetta nee' Brincat, imwieled Fgura fit-19 ta' Ottubru 1958, u residenti

Xaghjra, Zabbar, nannu patern Lawrence Theuma, jew dawk minnhom relevanti, u ssir ukoll korrezzjoni fejn fil-kolonna tal-partikolaritajiet ta' l-omm il-kliem *"of the said"* jigu kkancellati, u kull korrezzjoni opportuna b'mod li missier il-minuri jigi ndikat bhala dak ta' Lawrence Theuma u mhux izjed ta' Peter Paul Bonnici.
Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta' l-artikolu **256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez ta' l-istess attrici; b'dan li l-istess attrici ghandha tforni lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku kopja formali tac-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri li hawn giet ordnata l-emenda tieghu *in vista* ta' l-ewwel talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, Theresa Whitelaw gja' Bonnici u Lawrence Theuma, *stante* li la l-atturi u lanqas l-konvenuti l-ohra ma kienu responsabbli ghall-htiega ta' tali citazzjoni u konsegwenti talbiet attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------